MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 101/2012

**Pauline Stafrace, detentrici tal-karta tal-identita` numru 660757M;**

**Ludgarda sive Lucienne Bonavia, detentrici tal-karta tal-identita` numru 447164 M; Maryanne Abela, detentrici tal-karta tal-identita` numru 685758 M; Saverina Vella, detentrici tal-karta tal-identita` numru 491749 M; George Cuschieri, detentur tal-karta tal-identita` numru 775046 M; Carmelo Cuschieri, detentur tal-karta tal-identita` numru 754532 M; Eman Cuschieri, detentur tal-karta tal-identita` numru 371768 M u Anton Cuschieri detentur tal-karta tal-identita` numru 279272 M.**

**vs**

**Renato Cuschieri detentur tal-karta tal-identita` 510560 M; Joseph Cuschieri, detentur tal-karta tal-identita` numru 882944 M u n-Nutar Pubbliku Henri J. Vassallo, detentur tal-karta tal-identita` numru 755359 M fil-kapacita` professjonali tieghu.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 ta’ Frar, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew s-segwenti:

1.1 Illi fil-5 ta’ Novembru, 2011, miet Carmelo Cuchieri li kellu l-karta ta’ l-identita` bin-numru 4521 M;

1.2. Illi l-imsemmi Carmelo Cuschieri kien iben Joseph u Pawla nee` Vella, u kien minn Hal-Qormi;

1.3. Illi permezz ta’ testament datat l-10 ta’ Jannar, 2011, *in atti* tan-Nutar Dottor Henri J. Vassallo, l-istess Carmelo Cuschieri halla lil Renato Cuschieri bhala eredi universali u proprjetarju assolut tal-gid kollu tieghu;

1.4. Illi fit-8 ta’ Novembru u fid-9 ta’ Dicembru, it-tnejn tal-2011, l-istess Nutar fuq imsemmi ta vera kopja tal-imsemmi testment lil Pauline Stafrace u Ludgarda sive` Lucy Bonavia;

1.5. Illi gie nnotat li tali konsenja tmur kontra l-artiklu 40 (d) ta’ l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili *stante* li t-

testment *de quo* ma kkonformax mar-rekwiziti tal-artiklu 28 (1) (k) (v) tal-istess Att, minkejja li:

1.5.1. Carmelo Cuschieri ma kienx jaf jiffirma;

1.5.2. Dan fil-fatt ma ffirmax l-imsemmi testament;

1.6. Illi sussegwentement beda jirrizulta li t-testment in dizamina kien abbuziv, illegali u sar b'nuqqas ta' diligenza min-Nutar ikkoncernat u mill-partijiet prezenti fir-redazzjoni tal-istess testment;

1.7. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet, l-intimati baqghu ma issanawx il-posizzjoni taghhom billi jersqu ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija skont it-testment precedenti ta' Carmelo Cuschieri datat is-6 ta' Frar, 2008, *in atti* tan-Nutar Dottor Thea Cachia;

1.8. Illi ghalhekk il-legatarji koncernati qed isofru pregudizzju kbir u kienu ghalhekk kostretti jintavolaw il-procedura odjerna;

1.9. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex l-intimati jkolhom l-opportunita` jwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti u jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara u tikkonferma li t-testment ta' Carmelo Cuschieri datat l-10 ta' Jannar, 2011, *in atti* tan-Nutar Dottor Henri J. Vassallo hu null u invalidu ghaliex mhux biss jikser id-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 40 (d) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, Kap

55 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma jikkonformax ruhhu mal-artiklu 28 (1) (k) (v) tal-istess Att, u anke minhabba diversi nuqqasijiet ta' diligenza li jirrenduh null u invalidu;

1.9.2. Tordna li jigi applikat it-testment tan-Nutar Dottor Thea Cachia datat is-6 ta' Frar, 2008;

1.9.3. Tordna lil Renato Cuschieri biex fi zmien qasir u perentorju, jersaq ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati kollha mhollija fl-imsemmi testament tas-6 ta' Frar, 2008;

1.9.4. Taghti kull rimedju u/jew direttivi xierqa u necessarji biex jigu protetti l-interessi tar-rikorrenti biex ikun infurzat u applikat it-testment tas-6 ta' Frar, 2008;

1.9.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati u bl-imghaxijiet civili dovuti mill-intavolar u n-notifika (sic) tal-prezenti;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-20 ta' Frar, 2012, tan-Nutar Dottor Henri J. Vassallo, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi stante li l-intimat m'ghandux *locus standi* ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2.3. Illi *di piu`*, l-ebda wahda mit-talbiet m'hi indirizzata kontra tieghu;

2.4. Illi kontrarjament ghal dak sostenut mir-rikorrenti, it-testment datat l-10 ta' Jannar, 2011, hu skont il-ligi;

2.5. Illi ghalkemm originarjament meta inharget kopja dattilografata tal-istess testament bi svista thallew barra l-kliem "it-testatur jiddikjara li ma jafx jiffirma izda jaghmel biss salib", dan l-izball kien ingieb a konjizzjoni tar-rikorrenti u giet provduta kopja tal-istess testament fl-original tieghu fil-kalligrafija tal-istess Nutar;

2.6. Illi nonostante dan, ir-rikorrenti baqghu jinsistu bl-allegazzjonijiet taghhom;

2.7. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li t-testment mhux konformi mal-artiklu 28 (1) (k) (v) tal-Kap 55 fuq riferit hi ghal kollox infondata;

2.8. Illi l-agir tar-rikorrenti hu wiehed malizzjuz fil-konfront tal-intimat odjern u ghandu jigi censurat;

2.9. Salv eccezzjonijiet ohra;

3.0 Rat ir-risposta guramentata datata l-20 ta' Frar, 2012, li permezz taghha l-intimati Renato u Joseph Cuschieri sintetikament wiegbu s-segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti;

3.2. Illi dak allegat mir-rikorrenti hu fattwalment u legalment skorrett;

3.3. Illi meta gie ppubblikat it-testment datat l-10 ta' Jannar, 2011, *in atti* tan-Nutar Dottor Henri J. Vassallo, sar kollox skont il-ligi;

3.4. Illi ghalhekk l-istess testament indikat fil-paragrafu precedenti ghandu jibqa` jitqies bhala validu;

3.5. Illi mhux minnu li l-intimati odjerni baqghu siekta meta saret il-pretenzjoni tar-rikorrenti billi meta gew informati b'dan, mill-ewwel infurmaw lir-rapprezentanti legali tar-rikorrenti li din il-pretensjoni kienet infondata u baghtu kopja tat-testment kif redatt *di proprio pugno* minn Nutar involut biex juruhom li kollox sar b'mod regolari;

3.6. Illi jirrizulta li r-rikorrenti webbsu rashom u pprocedew bil-kawza odjerna;

3.7. Illi l-agir tar-rikorrenti hu ekwiparat ma agir malizzjuz fil-konfront tar-rikorrenti odjerni;

3.8. Illi tali agir ghandu jigi censurat;

3.9. Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat id-digriet taghha datat it-22 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz taghhom bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 118);

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti datat id-9 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu, filwaqt li ghamel referenza ghall-verbal tat-22 t'Ottubru, 2013, informa lill-qorti li kien qed jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet f'isem ir-rikorrenti, (ara foll 121);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti hekk ipprezentata, (ara foll 123), flimkien ma dik tal-intimat Renato Cuschieri datata t-12 ta' Frar, 2014, (ara foll 137), ta' l-intimat Joseph Cuschieri datata l-14 ta' Frar, 2014, (ara foll 142), u ta' l-intimat Nutar Dottor Henri J. Vassallo, datata is-27 ta' Frar, 2014, (ara foll 147);

7. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-27 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom;

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti in atti flimkien mad-diversi dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentati;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi fl-essenzjalita` taghhom, il-fatti in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

10.1. Illi fl-10 ta' Jannar, 2011, in-Nutar Dottor Henri J. Vassallo irrediga testament ta' Carmelo Cuschieri li eventwalment miet fil- 5 ta' Novembru tal-istess sena;

10.2. Illi n-Nutar *de quo* originarjament irrediga l-istess testament bil-kalligrafija tieghu fil-presenza ta' zewg (2) xhieda, senjatament Mark Caruana Scicluna u Nicola Warrington, (ara foll 92, 98 u 108);

10.3. Illi l-istess testament gie insinwat regolarment skont il-ligi fit-terminu preskritt, (ara foll 89);

10.4. Illi meta whud mir-rikorrenti talbu kopja tal-imsemmi testment lin-nutar *de quo* dan ipprepara kopja dettilografata li pero` fiha, bi zvista, halla barra is-segwenti:

> "It-testatur jiddikjara li ma jafx jiffirma izda jaghmel biss salib", (ara foll 95 ipparagunata ma foll 8 A);

10.5. Illi din id-diskrepanza inavvertitament tat lok ghad-dizgwit ezagerat riskontrat li eventwalment mhux biss wassal ghall-procedura odjerna, izda sfortunatament wassal ukoll ghall-uzu ta' lingwagg inordinatament u indebitament iebes riskonstrat fir-rikors guramentat promotur, liema lingwagg mhux biss jirrizulta li hu goff, izda addirittura, li hu wkoll inutilment skontruz;

Ikkunsidrat:

11. Illi minn ezami tax-xhieda rigwardanti ir-redazzjoni tat-testment tal-10 ta' Jannar, 2011, fuq indikat, (ara foll 88 sa 102 u foll 108), ma jirrizulta assolutament xejn li fih din il-qorti ghandha b'xi mod tintervjeni;

12. Illi li effettivament jirrizulta hu li tenut kont tal-fatt li n-nutar ikkoncernat kien diga` a konoxxenza tat-testatur Carmelo Cuschieri billi xi ghaxar (10) snin qabel kien ukoll irredigielu testment, dan jirrizulta li kien ben konxju tal-fatt li t-testatur *de quo* ma kienx jaf jaqra u jikteb, u allura aktar investa hin u sforz biex l-istess testatur verament jifhem dak li kien hemm qieghed jigri;

13. Illi *di piu`*, kif obbligat, l-istess nutar insinwa t-testment *de quo* fit-terminu preskritt;

Ikkunsidrat:

14. Illi ghandu jkun pacifiku li d-dizgwid riskontrat jirrizulta mill-fatt li meta mitlub jirrilaxxa kopja tat-testment in dizamina lil uhud mir-rikorrenti, dan halla barra paragrafu krucjali rigwardanti id-dikjarazzjoni li t-testatur ma kienx jaf jaqra u jikteb, u li ghalhekk kien ser jikkonferma li t-testment tieghu mhux b'firma izda b'salib kif fil-fatt ghamel, (ara foll 95);

15. Illi ovvjament, bi ftit *buona fede* dan id-dizgwid kollu kien jigi evitat, izda sfortunatament dan m'avverax ruhhu;

Ikkunsidrat:

16. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li fl-agir tieghu in-nutar involut agixxa professjonalment, u ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn hi ghandha tiskarta l-volonta` tat-testatur Carmelo Cuschieri u tannulla t-testment tieghu tal-10 ta’ Jannar, 2011, *stante* li r-rekwiziti kollha ghal testment regolari huma sodisfatti;

17. Illi l-assenza ta’ paragrafu f’kopja informali tat-testment *de quo* ma tammontax ghal raguni valida li fuqha ghandu jigi annullat testment li jesprimi l-volonta’ libera u mhux imxekkla tat-testatur;

Ikkunsidrat:

18. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ipprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi;

**DECIDE:**

19.0. Illi konsegwentement:

19.1. Tirrespingi t-talbiet kollha sollevati mill-imsemmija rikorrenti fil-konfront tal-intimati;

19.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati fuq indikati;

19.3. Tiddikjara li l-operat in dizamina tan-Nutar Dottor Henri J. Vassallo hu ineccepibbli nonostante li inavvertitament l-ufficju tieghu irrilaxxa kopja inezatta tat-testment *in dizamina;*

19.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------